KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-20 ta' Lulju 2017[1]

**Kawża C-393/16**

**Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne**
vs
**Aldi Süd Dienstleistungs-GmbH & Co.OHG,** rappreżentata minn **Aldi Süd Dienstleistungs-GmbH,** li kienet **Aldi Einkauf GmbH & Co.OHG Süd**
bl-intervent ta' **Galana NV,**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali, il-Ġermanja)]

"Talba għal deċiżjoni preliminari — Organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli — Protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti — Kunċett ta' użu tar-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini, ta' użurpazzjoni, imitazzjoni jew evokazzjoni u ta' indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa — Prodott tal-ikel li l-isem tiegħu jikkorrispondi mal-prattika tal-pubbliku rilevanti — Possibbiltà li l-pubbliku rilevanti jiġi żgwidat rigward l-oriġini ġeografika ta' prodott"

1. Katina ta' supermarkits Ġermaniża tbigħ sorbet li fih ix-xampanja, li jinbiegħ taħt l-isem "Champagner Sorbet". Din il-proċedura hija legali jew il-manifattur u d-distributur qegħdin japprofittaw mir-reputazzjoni tal-inbid frizzanti Franċiż favorit b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (iktar 'il quddiem "DOP")?

2. Fil-qosor, din hija d-domanda magħmula mill-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali, il-Ġermanja) fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, li fuq il-bażi tagħha għandu jiġi deċiż jekk il-Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne ("CIVC"), li jiddefendi l-interessi ta' din id-DOP, għandux raġun jitlob li jitwaqqaf il-bejgħ ta' dan is-sorbet.

3. F'konklużjonijiet riċenti[2] fakkart li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisprudenza estensiva dwar id-DOP u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP). Din il-kawża tagħtiha l-opportunità li testendiha għal każijiet fejn inbid frizzanti (xampanja) kopert minn DOP jiġi inkorporat – u jiġi inkluż fil-preżentazzjoni – bħala ingredjent fi prodott tal-ikel.

4. Sabiex tingħata risposta lill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika jekk "Champagner sorbet" huwiex, skont hi, l-isem komunement użat fil-Ġermanja sabiex jiddeskrivi tip ta' deżerta ffriżata li fiha x-xampanja. Barra minn hekk, sabiex jinkiseb il-bilanċ bejn id-drittijiet tad-detenturi tad-DOP u dawk tal-manifatturi tal-ikel, li jaspiraw li jirriflettu l-kompożizzjoni tiegħu fil-pakkett hija għandha teżamina l-interpretazzjoni ta' regoli eteroġeni (dawk relatati mad-DOP, minn naħa waħda, u dawk mal-ittikkettjar ta' prodotti li jittieklu, min-naħa l-oħra).

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.
2 Moqrija fit-18 ta' Mejju 2017 fil-kawża EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto IP (C-56/16 P, EU:C:2017:394).

## I. Il-kuntest ġuridiku

5. Il-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali) tirreferi kemm għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007[3] kif ukoll għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013[4], li ħassar dak imsemmi l-ewwel, minkejja li dan tal-aħħar ma huwiex applikabbli *ratione temporis* għall-kawża. L-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1308/2013 hija meħtieġa minħabba li l-inibizzjoni magħmula jista' jkollha effetti *pro futuro*, jekk s-sitwazzjoni fattwali jkollha tiġi ġġudikata skont dak ir-regolament.

6. Filwaqt illi ma nikkontestax din il-perspettiva, ser insemmi biss id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1234/2007, peress li huwa dak applikabbli fil-mument li seħħu l-fatti kkontestati u peress li ż-żewġ artikoli rilevanti għall-każ (l-Artikolu 118m tar-Regolament Nru 1234/2007 u l-Artikolu 103 tar-Regolament Nru 1308/2013) huma identiċi. Ma għandi ebda riżervi dwar it-trasferiment, *mutatis mutandis*, tal-interpretazzjoni li ssir tal-ewwel wieħed għat-tieni wieħed.

### *A. Ir-Regolament Nru 1234/2007*

7. Skont l-Artikolu 118m tiegħu ("Protezzjoni"):

"1. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jistgħu jintużaw minn kwalunkwe operatur li jikkumerċjalizza nbid li ġie prodott b'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti..

2. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-inbejjed li jużaw dawk l-ismijiet protetti b'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandhom jitħarsu minn:

   a) kwalunkwe użu kummerċjali, dirett jew indirett, ta' isem protett:

      i) minn prodotti komparabbli li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett; jew

      ii) sa fejn dan l-użu jisfrutta r-reputazzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;

   b) kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodott jew servizz huwa indikat jew jekk l-isem protett huwa tradott jew akkumpanjat minn espressjoni bħal 'stil', 'tip', 'metodu', 'kif prodott fi', 'imitazzjoni', 'togħma', 'bħal' jew xi espressjonijiet simili;

   c) kwalunkwe indikazzjoni falza jew li tiżgwida dwar il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fl-imballaġġ intern jew estern, materjal ta' riklamar jew dokumenti relatati mal-prodott tal-inbid ikkonċernat, u l-ippakkjar tal-prodott f'kontenitur li x'aktarx jagħti impressjoni falza dwar l-oriġini tiegħu;

   d) kull prattika oħra li tista' tiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

3. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti m'għandhomx isiru ġeneriċi fil-Komunità fit-tifsira tal-Artikolu 118k(1).

3 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU 2007, L 299, p. 1).

4 Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671).

[…]”

8. Il-premessa 97 tar-Regolament Nru 1308/2013, li jibni fuq il-premessa 32 tar-Regolament Nru 479/2008[5] li fih ġew adottati d-dispożizzjonijiet ta’ protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta’ oriġini introdotti fir-Regolament Nru 1234/2007 mir-Regolament Nru 491/2009[6], jipprovdi kif ġej:

“Id-denominazzjonijiet ta’ oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati għandhom jiġu protetti kontra l-użi li japprofittaw b’mod abbużiv mir-reputazzjoni li jgawdu l-prodotti li jkunu konformi. Biex tippromwovi l-kompetizzjoni ġusta u biex ma tiżgwidax lill-konsumaturi, dik il-protezzjoni għandha tkun ukoll għal prodotti u servizzi mhux koperti b’dan ir-Regolament, inklużi dawk li ma jinstabux fl-Anness I għat-TFUE.”

### *B. Id-Direttiva 2000/13/KE*[7]

9. Fil-qasam tal-ittikkettjar ta’ prodotti tal-ikel, ir-regola fis-seħħ meta seħħew il-fatti inkwistjoni kienet id-Direttiva li hija fit-titolu ta’ dan il-paragrafu[8]. L-Artikolu 3(1) tagħha, jipprovdi, b’rilevanza għall-każ tagħna:

“1. Skont l-Artikoli 4 sa 17 u soġġett għal eċċezzjonijiet li fihom, indikazzjoni tal-partiklolaritajiet li ġejjin biss ikunu obbligatorji fuq il-tikkettjar tal-oġġetti tal-ikel.:

1) l-isem li taħtu jiġi mibjugħ il-prodott,

2) il-lista ta’ ingredjenti,

3) il-kwantità ta’ ċerti ingredjenti jew kategoriji ta’ ingredjenti kif ipprovdut fl-Artikolu 7,

[…]”

10. L-Artikolu 5(1) jipprovdi:

“1. L-isem li taħtu jinbiegħ prodott tal-ikel ikun l-isem ipprovdut fid-dispożizzjoni tal-Komunità applikabli għalih.

a) Fl-assenza ta’ dispożizzjonijiet tal-Komunità, l-isem li taħtu jinbiegħ prodott ikun l-isem ipprovdut fil-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amminnistrattivi applikabli fl-Istat Membru fejn jinbiegħ il-prodott lill-konsumatur finali jew lill-‘mass caterers’.

Fl-assenza ta’ dan, l-isem li taħtu jinbiegħ prodott ikun l-isem soltu fl-Istat Membru ta’ fejn jinbiegħ lill-konsumatur jew lill-‘mass caterers’, jew deskrizzjoni tal-prodott tal-ikel, u jekk neċessarju tal-użu tiegħu, li huwa ċar biżżejjed biex tħalli lix-xerrej jaf il-vera natura tiegħu u jiddistingwih minn prodotti oħra li jistgħu jiġu konfużi miegħu.

5 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008, tad-29 ta’ April 2008, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 3/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/1999 (ĠU 2008, L 148, p. 1).

6 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 491/2009, tal-25 ta’ Mejju 2009, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ĠU 2009, L 154, p. 1).

7 Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Marzu 2000, fuq l-approsimazzjoni ta’ liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu ma’ tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta’ oġġetti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 75).

8 Fil-fatt, ma ġietx derogata qabel it-13 ta’ Diċembru 2014, jiġifieri, iktar minn sentejn wara l-fatti li seħħew fil-kawża prinċipali, skont id-dispożizzjoni ta’ deroga tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta’ Ottubru 2011, dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU 2011, L 304, p. 18).

[…]”

11. L-Artikolu 6(5) jistipula:

“Il-lista ta’ ingredjenti tinkludi ingredjenti tal-prodott tal-ikel, f’ordni dixxendenti ta’ piż, kif irrekordjat fil-ħin tal-użu tagħhom fil-manifattura tal-prodott tal-ikel. Jidher ippreċedut b’titolu adattat li jinkludi fih il-kelma ‘ingredjenti’

[…]”

12. L-Artikolu 7(1) u (5) jipprovdi:

“1. Il-kwantità ta’ ingredjent jew kategorija ta’ ingredjenti użati fil-manifattura jew preparazzjoni ta’ affarijiet ta’ l-ikel jiġi ddikjarat skond dan l-Artikolu.

[…]

5. L-indikazzjoni rriferita fil-paragrafu 1 tidher jew ġewwa jew immedjatament ħdejn l-isem li taħtu jinbiegħ il-prodott ta’ l-ikel jew fil-lista ta’ ingredjenti in konnezjoni ma’ l-ingredjent jew kategorija ta’ ingredjenti in kwistjoni.”

### *C. Il-Linji gwida dwar it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li jużaw denominazzjonijiet protetti ta’ oriġini [denominazzjonijiet ta’ oriġini protetta] (DPO) u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) bħala ingredjenti* [9]

13. Il-punt 2.1 (“Rakkomandazzjonijiet dwar l-użu ta’ denominazzjoni rreġistrata”) jistipula li:

“1. Skont il-Kummissjoni, denominazzjoni rreġistrata bħala DPO jew IĠP tista’ tkun inkluża, b’mod leġittimu, fil-lista ta’ ingredjenti ta’ oġġett tal-ikel.

2. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li denominazzjoni rreġistrata bħala DPO jew IĠP tista’ tissemma bħala parti minn jew qrib l-isem kummerċjali ta’ oġġett tal-ikel li jinkludi prodotti li jibbenefikaw minn denominazzjoni rreġistrata, kif ukoll fit-tikkettar, il-preżentazzjoni u l-pubbliċità ta’ dan l-oġġett tal-ikel, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.

   — L-oġġetti tal-ikel ma għandhomx jinkludu l-ebda ‘ingredjent komparabbli’ ieħor, jiġifieri, l-ebda ingredjent ieħor ma jista’ jieħu post, kemm parzjalment kif ukoll kompletament, ingredjent li jibbenefika minn DPO jew IĠP. Bħala eżempju, mhux ristrettiv, tal-kunċett ta’ ‘ingredjent komparabbli’, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ġobon bil-vini blu (magħruf aħjar bħala ‘Ġobon tat-tip blù’) jista’ jkun komparabbli mar-‘Roquefort’.

   — Minbarra dan, dan l-ingredjent għandu jintuża wkoll f’kwantità suffiċjenti sabiex jagħti l-karatteristika essenzjali lill-oġġett tal-ikel ikkonċernat. Madankollu, minħabba l-firxa wiesgħa ta’ każijiet potenzjali, il-Kummissjoni mhijiex f’pożizzjoni li tissuġġerixxi perċentwali minimu li jista’ jiġi applikat b’mod uniformi. Pereżempju, l-inklużjoni ta’ ammont minimu ta’ ħwar li jibbenefika minn DPO jew IĠP f’oġġett tal-ikel, jekk xieraq, għandha tkun suffiċjenti biex tagħti l-karatteristika essenzjali lill-oġġett tal-ikel ikkonċernat. Min-naħa l-oħra, l-inklużjoni ta’ ammont minimu ta’ laħam li jibbenefika minn DPO jew IĠP f’oġġett tal-ikel ma tkunx, *a priori*, suffiċjenti biex tagħti l-karatteristika essenzjali lill-oġġett tal-ikel ikkonċernat.

9 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (ĠU 2010, C 341, p. 3; iktar ’il quddiem, “Linji Gwida”).

— Fl-aħħar, il-perċentwali tal-inklużjoni ta' ingredjent li jibbenefika minn DPO u IĠP għandu, idealment, jiġi indikat bħala parti jew qrib l-isem kummerċjali tal-oġġett tal-ikel, jew inkella fuq il-lista tal-ingredjenti direttament relatati mal-ingredjent ikkonċernat".

## II. Il-fatti tal-kawża u d-domandi preliminari

14. Fl-aħħar tal-2012, Aldi Süd, kumpannija ta' distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel u oġġetti oħra għall-konsum fis-supermarkets, qiegħdet għall-bejgħ prodott manifatturat minn Galana NV[10] imsejjaħ "Champagner sorbet", li jinkludi fost l-ingredjenti tiegħu 12 % xampanja. L-immaġni tal-imballaġġ tiegħu kienet is-segwenti:




15. Iċ-CIVC għamel talba quddiem il-Landgericht München (qorti reġjonali ċivili u kriminali ta' Munich, il-Ġermanja) sabiex Aldi Süd tieqaf tuża d-DOP Champagne fil-prodott iffriżat tagħha, minħabba li huwa kien tal-fehma li dan kien ksur ta' dik id-DOP.

16. It-talba għal kundanna, li kienet ibbażata fuq l-Artikolu 118m tar-Regolament Nru 1234/2007, ġiet milqugħa fl-ewwel istanza, iżda miċħuda fl-appell mill-Oberlandesgericht München (qorti superjuri reġjonali ċivili u kriminali ta' Munich, il-Ġermanja).

17. Iċ-CIVC appella minn din is-sentenza tal-appell quddiem il-qorti tar-rinviju. Din hija inklinata li tirrikonoxxi li l-użu tad-DOP Champagne fuq prodott iffriżat jaqa' fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007, peress li t-terminu "champagne" jintuża, għal skopijiet kummerċjali, sabiex jindika deżerta li ma hijiex konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-inbejjed protetti mid-DOP Champagne.

18. Barra minn hekk, huwa josserva li r-reputazzjoni tad-DOP Champagne tista' tagħti vantaġġ lill-espressjoni "Champagner sorbet". Madankollu, huwa jistaqsi jekk hemmx użu tad-DOP, fis-sens tal-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007, peress li dik l-espressjoni tikkonforma mad-drawwiet tal-pubbliku li jinnomina d-deżerta, li fiha nbid ta' Xampanja f'ammont suffiċjenti sabiex jagħtiha karatteristika essenzjali. Għandu jiġi eskluż, għalhekk, li hemm vantaġġ mir-reputazzjoni tad-DOP jekk, kif ikkonkludiet il-qorti tal-appell, ikun hemm interess leġittimu li jiġġustifika l-użu tagħha.

19. B'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-azzjoni taċ-CIVC tista' tkun ibbażata fuq l-Artikolu 118m(2)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk l-użu li jsir tad-DOP jistax jikkostitwixxi użurpazzjoni, imitazzjoni jew evokazzjoni illegali. Hija ssostni li l-użu tagħha għandu jkun illegali u, għaldaqstant, fil-preżenza ta' interess leġittimu li jiġġustifikah, il-ksur tad-DOP ikun eskluż.

20. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument taċ-CICV li Aldi Süd użat l-indikazzjoni "Champagner sorbet" b'mod qarrieqi, fis-sens tal-Artikolu 118m(2)(c) tar-Regolament Nru 1234/2007, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk din ir-regola tkoprix biss il-każijiet fejn l-indikazzjoni qarrieqa toħloq fil-pubbliku impressjoni żbaljata dwar l-oriġini ġeografika tal-prodott jew jekk tikkonċernax l-indikazzjonijiet qarrieqa dwar il-kwalitajiet sostanzjali ta' dan il-prodott.

10 Galana NV tintervjeni insostenn ta' Aldi Süd fil-proċedura prinċipali.

21. Abbażi ta' dan, il-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali) tagħmel id-domandi li ġejjin quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007 u l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jaqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom il-każ li fih id-denominazzjoni ta' oriġini protetta hija użata bħala parti mill-isem ta' prodott tal-ikel li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, li miegħu ġie miżjud ingredjent li jissodisfa l-imsemmija speċifikazzjonijiet?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta affermattiva:

L-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007 u l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-użu ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta bħala parti mill-isem ta' prodott tal-ikel li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, li miegħu ġie miżjud ingredjent li jissodisfa l-imsemmija speċifikazzjonijiet, jikkostitwixxi użu tar-reputazzjoni tal-imsemmija denominazzjoni, meta l-isem tal-imsemmi prodott tal-ikel jikkorrispondi għall-użanzi ta' denominazzjoni tal-pubbliku kkonċernat u l-ingredjent ġie miżjud fi kwantità suffiċjenti sabiex jagħti lill-prodott karatteristika essenzjali?

3) L-Artikolu 118m(2)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007 u l-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-użu ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta fiċ-ċirkustanzi deskritti fit-tieni domanda preliminari jikkostitwixxi użurpazzjoni, imitazzjoni jew evokazzjoni illegali?

4) L-Artikolu 118m(2)(c) tar-Regolament Nru 1234/2007 u l-Artikolu 103(2)(c) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma applikabbli biss għall-indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa li huma ta' natura li joħolqu, fost il-pubbliku kkonċernat, impressjoni żbaljata dwar l-oriġini ġeografika ta' prodott?"

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22. Id-digriet tar-rinviju wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Lulju 2016.

23. Saru osservazzjonijiet bil-miktub miċ-CIVC, Galana NV, il-Gvern ta' Franza, il-Gvern tal-Portugall, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea.

24. Fit-18 ta' Mejju 2017, saret seduta pubblika, fejn attendew rappreżentanti taċ-CIVC, Galana NV, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni Ewropea.

## IV. Sunt tal-osservazzjonijiet tal-partijiet

### *A. Dwar l-ewwel domanda*

25. Il-partijiet kollha jaqblu li l-ewwel domanda preliminari għandha tingħata risposta affermattiva. Għaċ-CIVC, ir-regoli tal-Unjoni jipproteġu d-DOP kontra kwalunkwe użu kummerċjali, dirett jew indirett, li jipprova japprofitta mir-reputazzjoni tagħha. Din il-protezzjoni tkopri l-użu tad-DOP kemm jekk tkun integrata fl-isem ta' prodott, u kemm jekk tindika prodott tal-ikel li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni. Abbażi tas-sentenza Bureau National Interprofessionnel du

Cognac [11], iċ-CIVC isostni li hemm użu kummerċjali dirett tad-DOP Champagne meta tidher, kif inhi jew tradotta, bħala parti mill-espressjoni "Champagner sorbet".

26. Għall-Gvern Franċiż, għalkemm ir-regolamenti applikabbli ma jsemmux espressament l-użu tad-DOP bħala ingredjenti, il-protezzjoni tagħha u l-koerenza bejn ir-regoli fis-settur tal-inbid u tal-prodotti agrikoli u tal-ikel iwassluh sabiex jaħseb li dawk ir-regolamenti japplikaw għal dak l-użu wkoll.

27. Il-Gvern Portugiż iżid li "Champagner", f'din il-kawża, huwa l-iktar element verbali sinjifikanti tal-prodott, filwaqt li t-terminu "sorbet" għandu natura ġenerika, jiġifieri, ma għandu ebda influwenza fuq ġudizzju dwar l-użu tad-DOP.

## *B. Dwar it-tieni domanda*

28. Iċ-CIVC huwa favur risposta affermattiva għat-tieni domanda wkoll. Huwa jfakkar, bi qbil mal-Gvern Portugiż, li t-terminu "użu" huwa ekwivalenti għall-użu ta' kwalunkwe ħaġa, u huwa biżżejjed li jittieħed vantaġġ mir-reputazzjoni tad-DOP. Dan iseħħ bis-sorbet li, bl-inklużjoni tat-terminu "champagne", igawdi mill-immaġni ta' kwalità jew ta' prestiġju ta' dan l-inbid frizzanti, protett mid-DOP. Huwa jelimina l-applikazzjoni analoga tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 [12], li huwa limitat għal xarbiet spiritużi u li l-leġiżlatur ma kellux intenzjoni li jestendih għall-inbejjed, iżda jsib elementi rilevanti fil-Linji Gwida tal-Kummissjoni.

29. Bħal Galana NV u l-Gvern Franċiż, iċ-CIVC jemmen li huwa irrilevanti li l-isem tal-prodott tal-ikel li jinkludi DOP ikun konformi ma' dak normalment magħruf mill-pubbliku. L-oppost ta' dan ifisser li jkun hemm riskju li d-DOP issir ġenerika, kuntrarjament għal dak huwa maħsub li jiġi evitat permezz tal-protezzjoni tagħha.

30. Iċ-CIVC jemmen li għandu jiġi vverifikat jekk l-ammont ta' xampanja li tinsab fis-sorbet huwiex biżżejjed sabiex jagħtiha karatteristika essenzjali. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li l-karatteristiċi essenzjali tax-xampanja (il-bżieżaq fini u persistenti tagħha, kif ukoll it-togħma rinfreskanti, ta' frott u kemxejn aċiduża tagħha) ma jinsabux fis-sorbet. Lanqas il-porzjon ta' xampanja użata (12 %) fil-manifattura tal-ikel ma jiġġustifika l-użu tad-DOP.

31. Galana NV ma taħsibx li huwa rilevanti li jsir riferiment għall-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007, peress li l-isem tas-sorbet jirrifletti r-realtà, huwa ċar u ma jiżgwidax lill-pubbliku. L-ammont ta' xampanja miżjuda bħala ingredjent huwa biżżejjed sabiex jagħti karatteristika essenzjali lis-sorbet. Barra minn hekk, il-prodott tal-ikel huwa konformi mal-Linji Gwida, li jikkonfermaw il-perspettiva tagħha.

32. Skont il-Gvern Franċiż, l-użu ta' DOP bħala parti mid-denominazzjoni ta' prodott tal-ikel, bħala prinċipju, ma huwiex ipprojbit, minħabba li, fih innifsu, ma jfissirx li ttieħed vantaġġ mir-reputazzjoni tiegħu. Flimkien mal-Kummissjoni, huwa jenfasizza li "sfruttar" skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tfisser, l-użu li jwassal sabiex operatur jibbenefika indebitament mir-reputazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika ta' oriġini [13].

11 Sentenza tal-14 ta' Lulju 2011 (C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484), punt 55.

12 Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil,l tal-15 ta' Jannar 2008, dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettjar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spiritwż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU 2008, L 39, p. 16; rettifika fil-ĠU 2009, L 228, p. 47).

13 Sentenza tal-14 ta' Lulju 2011, Bureau National Interprofessionnel du Cognac (C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484), punt 46; u sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35), punt 45.

33. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk il-kundizzjonijiet tal-Linji Gwida humiex milħuqa u, eventwalment, li tikkunsidra kriterji ta' valutazzjoni oħra, bħal, pereżempju, il-proporzjonalità tal-użu li operatur ekonomiku jagħmel minn din id-DOP, permezz ta' stampi u riferimenti, kif ukoll it-tipografija li tidher fuq il-pakkett jew ir-reklam tal-prodott.

34. Għall-Gvern Portugiż, "Champagner sorbet" indebitament tisfrutta l-prestiġju tad-DOP Champagne. Id-DOP għandhom ikunu protetti kontra kull tip ta' użu, li jimpedixxi l-użu tal-prestiġju tagħha; filwaqt li għandha tiġi evitata b'mod partikolari id-degradazzjoni jew id-dilwizzjoni tal-forza distintiva tagħha.

35. Il-Kummissjoni tipproponi li tingħata risposta negattiva għat-tieni domanda. Hija tiffavorixxi interpretazzjoni konformi mar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 [14] (li jirreferi għal-Linji Gwida) u r-Regolamenti Nru 1169/2011 u Nru 110/2008, b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tiegħu, fir-rigward tal-aċċenn għal xarba spiritwża fl-isem ta' prodott tal-ikel. Hija tiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-użu tad-DOP Champagne jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet f'dan il-każ u huwa konsistenti mal-Artikolu 9(1)(a) u (b), kif ukoll mal-Artikoli 17(1), 18 u 22 tar-Regolament Nru 1169/2011.

## *C. Dwar it-tielet domanda*

36. Iċ-CIVC iħeġġeġ ukoll li tingħata risposta affermattiva għal din id-domanda. Fil-fehma tiegħu, li sostanzjalment hija konformi ma' dik tal-Gvern Portugiż, "Champagner sorbet" tevoka d-DOP Champagne, fis-sens tal-Artikolu 118m(2)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007, anki jekk dik l-espressjoni hija konformi mad-drawwiet tal-pubbliku u l-ingredjent huwa miżjud f'ammont suffiċjenti sabiex jagħti karatteristika essenzjali lis-sorbet. Il-kunċett ta' "evokazzjoni" ikopri każ li fih id-denominazzjoni tal-prodott tal-ikel tinkludi DOP, li jipperswadi lill-konsumatur jorbot dan il-prodott mal-ingredjent protett minnha.

37. Galana NV u l-Gvern Franċiż jikkunsidraw li l-użu tad-DOP Champagne ma jirrappreżentax, f'dan il-każ, użurpazzjoni, imitazzjoni jew evokazzjoni. Dawn il-kunċetti jimplikaw l-eżistenza ta' kopja tal-prodott, jew ta' termini ispirati mid-DOP, jew riferiment għaliha mingħajr ma jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet, filwaqt li f'dan il-każ hemm użu dirett tad-DOP.

38. Għall-Kummissjoni, "Champagner Sorbet" tiddeskrivi l-kontenut b'mod volontarju u dirett, li jeskludi kwalunkwe evokazzjoni, imitazzjoni jew tip ieħor ta' approprjazzjoni tad-DOP. Lanqas hemm ukoll żgwidar tal-konsumatur, dwar l-oriġini tas-sorbet, peress li huwa ddikjarat b'mod ċar li fih doża sostanzjali ta' xampanja li ġejja minn dan ir-reġjun Franċiż.

## *D. Dwar ir-raba' domanda*

39. Għaċ-CIVC, din id-domanda għandha tingħata risposta negattiva. Huwa jqis, bħall-Gvern Franċiż, li l-Artikolu 118m(2)(c) tar-Regolament Nru 1234/2007 japplika kemm għall-indikazzjonijiet foloz dwar in-natura tal-prodott kif ukoll għall-karatteristiċi essenzjali tiegħu.

40. Galana NV, bħall-Kummissjoni, teskludi li l-Artikolu 118m(2)(c) tar-Regolament Nru 1234/2007 huwa applikabbli, peress li jkopri biss il-prodotti tal-inbid. B'mod sussidjarju, hija tqis li dan jista' jiġi estiż għall-indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa sabiex joħolqu fil-pubbliku diżgwid dwar l-oriġini ġeografika tal-prodott.

14 Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1).

41. Skont il-Gvern Portugiż, l-indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa jistgħu jagħtu impressjoni żbaljata lill-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-prodott u jemmen li l-ismijiet b'dawn l-indikazzjonijiet ma għandhomx jiġu awtorizzati.

## V. Analiżi ġuridika

### *A. Fuq l-ewwel domanda*

42. Il-qorti tar-rinviju titlob li jiġi ċċarat, minn qabel, l-ambitu tal-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007. Speċifikament, hija tixtieq li jiġi ċċarat jekk dan jinkludix sitwazzjoni bħal dik ta' dan il-każ, fejn id-DOP Champagne hija *parti* mill-isem ta' sorbet li fih ċertu ammont ta' dak l-inbid frizzanti.

43. Dawk kollha li intervjenew fil-każ preliminari jaqblu mal-qorti tar-rinviju li l-ewwel domanda tagħha għandha tingħata risposta affermattiva. Id-dubji fid-digriet tar-rinviju tfaċċaw fid-dawl tat-teorija pprovduta f'xi settur tad-duttrina Ġermaniża, skont liema din id-dispożizzjoni tapplika biss għall-użu tad-DOP f'termini identiċi. Għall-kuntrarju, l-użu ta' termini *simili* jaqa' taħt l-Artikolu 118m(2)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007.

44. Jiena naħseb li din it-teorija [15] ma għandhiex tiġi aċċettata, għal diversi raġunijiet. L-ewwel, kif innota l-Gvern Franċiż, dak l-artikolu jiddefinixxi ambitu wiesa' ħafna, konsistenti mal-protezzjoni li hija mixtieqa li tingħata lid-DOP. Ma tagħmilx sens interpretazzjoni li, pereżempju, teskludi l-użu tat-traduzzjoni ta' DOP, li jikser il-projbizzjoni ta' kull użu dirett u indirett.

45. It-tieni, kif tipprovdi l-Kummissjoni, fis-sentenza tagħha Bureau National Interprofessionnel du Cognac [16] il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-użu, fi trade mark, ta' indikazzjoni ġeografika jew ta' terminu li jikkorrispondi għal dik l-indikazzjoni u t-traduzzjoni tagħha, sabiex jiġu identifikati xi prodotti (f'dak il-każ, xarbiet spiritużi) li ma humiex konformi mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti, jinvolvi użu kummerċjali *dirett* ta' din l-indikazzjoni ġeografika.

46. Fl-aħħar nett, l-ittra (a) tal-Artikolu 118m tar-Regolament Nru 1234/2007 tistabbilixxi l-metodu tal-użu (dirett u indirett) u l-prodotti (komparabbli u differenti) [17] li lilhom għandha tiġi miċħuda l-protezzjoni pprovduta mid-DOP. Fil-każ tal-prodotti komparabbli, għandhom jiġu miċħuda d-DOP minħabba li jiddevjaw mill-ispeċifikazzjonijiet, filwaqt li għall-prodotti mhux komparabbli għandu jiġi vverifikat li dawn jisfruttaw ir-reputazzjoni tad-DPO. Għall-kuntrarju, l-ittra (b) —u x'aktarx ukoll it-tnejn ta' wara— tirreferi għal ċerta aġir żleali kontra dawk li jistgħu jiddefendu d-detenturi tad-DOP, konsistenti mal-obbligi li jirriżultaw mill-ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni u l-Istati Membri [18] huma parti minnhom. F'dak l-użu hija preżunta l-intenzjoni li dik ir-reputazzjoni tiġi sfruttata.

15 Jekk nifhimha sew, din tiffavorixxi interpretazzjoni tal-Artikolu 118m(2) tar-Regolament Nru 1234/2007 skont liema l-ittra (a) tapplika għall-użi tad-DOP li jintużaw b'mod identiku għar-reġistrazzjoni tagħhom, filwaqt li l-ittra b) tirreferi għall-użu ta' denominazzjonijiet simili, li jvarjaw, bejn wieħed u ieħor, mid-DOP irreġistrata. Ara l-paragrafu 29 tal-digriet tar-rinviju.

16 Sentenza tal-14 ta' Lulju 2011 (C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484), punt 55. Għalkemm dik is-sentenza ngħatat fir-rigward tar-Regolament Nru 110/2008, it-trasferiment analogu tagħha f'dan il-każ ma joffri ebda dubju, minħabba x-xebh, kemm litterali kif ukoll teleoloġiku, bejn l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament mal-Artikolu 118m tar-Regolament Nru 1234/2007.

17 Le Goffic, C., *La protection des indications géographiques*, ed. LITEC, París, 2010, p. 137.

18 Jekk tqabbel l-Artikolu 118m(2)(b), (c) u (d) tar-Regolament Nru 1234/2007 mal-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Lisbona dwar il-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom (emendat fit-28 ta' Settembru 1979) u mal-Artikolu 22(2)(b) tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (Ftehim TRIPS), tal-15 ta' April 1994 (ĠU 1994, L 336, p. 214), li jikkostitwixxi l-Anness 1C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) (ĠU 1994, L 336, p. 3), li jirreferi għall-Artikolu 10a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Intellettwali, fil-verżjoni emendata tagħha tal-1967 fi Stokkolma.

47. Għalhekk, naħseb li l-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007 huwa applikabbli, li jfisser li l-ewwel domanda għandha tingħata risposta affermattiva.

### *B. Fuq it-tieni domanda preliminari*

48. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-użu ta' DOP bħala parti mill-isem ta' prodott tal-ikel, li ma jikkorrispondix mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u li miegħu jkun żdied ingredjent (xampanja, f'dan il-każ) li jikkorrispondi għal dawn l-ispeċifikazzjonijiet, jaqax taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007, meta:

– l-isem tal-prodott tal-ikel jikkorrispondi għall-użanzi tal-pubbliku kkonċernat; u

– l-ingredjent ġie miżjud fi kwantità suffiċjenti sabiex jagħti lill-prodott karatteristika essenzjali.

49. Il-Qorti tal-Appell kienet ikkonkludiet li d-distributur kellu *interess leġittimu* sabiex juża d-DOP Champagne, preċiżament għal dawn iż-żewġ raġunijiet: a) fil-lingwa Ġermaniża u fil-letteratura kulinari tagħha "Champagner sorbet" hija espressjoni komuni li tintuża għal deżerta ffriżata li ġiet magħmula bl-inbid frizzanti Franċiż; u b) il-prodott ta' Galana NV fih 12 % xampanja, li hija kwantità suffiċjenti sabiex tagħti lis-sorbet karatteristika essenzjali ta' dan l-inbid frizzanti (b'mod partikolari, it-togħma tiegħu).

50. Il-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali) ma tidhirx li taqbel mas-sentenza tal-qorti tal-appell, li, skont l-ewwel waħda, aċċettat il-fatti deskritti fis-subparagrafi (a) u (b) tal-punt preċedenti mingħajr ma għamlet l-evalwazzjonijiet neċessarji tal-fatti. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tindika l-possibbiltà li tali *interess leġittimu* jista' jirriżulta mir-regola tal-Unjoni dwar it-tikkettjar [19], moqrija flimkien ma' dik dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel [20].

51. Konsegwentement, sabiex tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari għandhom jiġu analizzati d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw kemm il-protezzjoni tad-DOP kif ukoll l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel.

#### *1. Fuq l-isfruttar tar-reputazzjoni tad-DOP*

52. Jekk l-eżistenza ta' użu kummerċjali dirett (b'risposta għall-ewwel domanda) tiġi aċċettata, il-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi li l-użu tad-DOP Champagne jkun jissodisfa, f'dan il-każ, ir-rekwiżit tal-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007 (jiġifieri, jisfrutta r-reputazzjoni ta' dik id-DOP), jekk il-konvenuta ma kellhiex interess leġittimu li taġixxi.

53. Mill-kawża "Sekt-Weinbrand" [21], il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ir-rwol tad-DOP: li jinforma u jiżgura li l-prodott li jkun ġie ddenominat ikollu, tabilħaqq, kwalitajiet u karatteristiċi dovuti għall-pożizzjoni ġeografika tal-oriġini tiegħu. Sa mis-snin sebgħin, kienet meħtieġa rabta spazjali u kwalitattiva doppja, li iktar tard kienet inkluża sussegwentement fir-regoli dwar il-prodotti agrikoli u tal-ikel [22] kif ukoll dik dwar is-settur tal-inbid [23].

19 B'mod partikolari, din tirreferi għall-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2000/13, fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti (ara l-punti 9 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet), mingħajr preġudizzju għall-valur interpretattiv tal-Artikoli 9(1)(a) u 17 tar-Regolament Nru 1169/2011. Dan tal-aħħar ħassar id-Direttiva 2000/13 mit-13 ta' Diċembru 2014 u, għalhekk, ma huwiex applikabbli *ratione temporis* f'dan il-każ.

20 Speċifikament, l-Artikolu 13(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1151/2012, li l-premessa 32 tiegħu tirreferi għal-Linji Gwida.

21 Sentenza tal-20 ta' Frar 1975, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (12/74, EU:C:1975:23).

22 Ara l-ispjegazzjonijiet dwar l-oriġini tad-DOP fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Il-Ġermanja u Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni (C-465/02 u C-466/02, EU:C:2005:636, punti 5 *et seq*).

23 Pereżempju, fil-premessi 27 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5. Għalkemm dan it-test normattiv diġà ġie abrogat, it-test ta' dawn iż-żewġ paragrafi jinsab, b'differenzi żgħar, fir-Regolament Nru 1308/2013.

54. L-għan tar-Regolament Nru 1234/2007, fir-rigward tad-DOP għall-inbejjed, huwa li jiggarantixxi lill-konsumatur u, minn perspettiva oħra, lid-detenturi wkoll tad-denominazzjonijiet rispettivi, li l-prodotti li jipproteġu jkollhom livell għoli ta' kwalità, ibbażat fuq l-oriġini ġeografika tagħhom [24].

55. Meta, bil-ħsieb li jiġi kkummerċjalizzat prodott tal-ikel, issir l-inkorporazzjoni tal-isem *komplut* ta' DOP fid-denominazzjoni ta' dak il-prodott, din ikollha tendenza, mil-loġika tagħha stess, li tisfrutta l-prestiġju u r-reputazzjoni tal-kwalità protetta. Għalhekk dan l-aġir għandu jiġi kkunsidrat bħala illegali, fil-prinċipju.

56. Jista' jinftiehem illi, madankollu, fil-kummerċ tal-merkanzija mmanifatturata, tista' tintuża DOP bħala parti mill-isem tal-prodott tagħha li juri interess leġittimu. Il-qorti tar-rinviju tifformula d-domanda tagħha, imqajma dwar użu kummerċjali dirett, preċiżament fuq il-bażi tad-dikotomija "użu li jisfrutta r-reputazzjoni tad-DOP/interess leġittimu", b'tali mod li, jekk ma jkunx hemm dan tal-aħħar ikun hemm sfruttar tar-reputazzjoni.

57. L-interess leġittimu jista' jirriżulta mill-pussess tad-dritt preċedenti (pereżempju, minn tip ieħor ta' proprjetà intellettwali) jew mill-konformità ma' rekwiżit legali. Anki separatament minn dawn is-suppożizzjonijiet, u barra mill-ambjent kummerċjali *dirett*, jiena naqbel mal-Gvern Franċiż li għandhom jeżistu partijiet fejn l-użu tad-DOP minn terzi jkun leġittimu [25], jiġifieri, sitwazzjonijiet fejn l-użu tad-DOP jista' jikkwalifika bħala *ius usus inocui*.

58. Fil-fatt, f'tipi oħra ta' proprjetà intellettwali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet sitwazzjonijiet fejn l-użu, minn terzi, ta' sinjali jew xogħlijiet protetti ma jiksirx id-drittijiet tad-detenturi tagħhom. Għalhekk, il-liġi tat-trade marks ippermettiet l-użi deskrittivi sabiex jiġu magħrufa l-karatteristiċi tal-prodott offrut għall-bejgħ lill-klijent potenzjali, li jaf dawk il-karatteristiċi tal-prodotti b'dik it-trade mark [26], Hija aċċettat, ukoll, użi fejn il-konsumatur ma jipperċepixxix is-sinjal bħala li juri li l-prodotti li jinkorporawh ikunu ġejjin mill-kumpannija detentriċi tat-trade mark [27].

59. Fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, fid-dawl tal-Artikolu 5(1) u (5) tad-Direttiva 2001/29/KE [28], ġiet aċċettata l-legalità ta' kopji fil-cache jew kopji tal-iskrin ta' xogħlijiet protetti minn drittijiet tal-awtur [29], dik tal-atti effimeri ta' riproduzzjoni li jagħmlu possibbli l-funzjonament tajjeb tad-decoder tas-sinjal permezz tas-satellita jew tal-iskrin tat-televiżjoni, li jippermetti r-riċeviment tal-emissjonijiet li fihom xogħlijiet protetti [30], u l-abbozzar ta' sunt ta' artikoli tal-istampa, minkejja li ma jkunx awtorizzat mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur fuq dawk l-artikoli [31].

24 F'dan ir-rigward, nirreferi għall-pint 63 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża EUIPO vs Istituto dos Vinhos do Douro e do Porto IP (C-56/16 P, EU:C:2017:394).

25 Naħseb fil-menù ta' restorant li fost id-deżerti jinkludi sorbet tax-xampanja jew fil-pubblikazzjoni ta' riċetta sabiex dan ikun jista' jiġi ppreparat. Fis-seduta, id-difensur ta' Galana uża bħala eżempju r-reklam b'tazzi (flawtijiet) tax-xampanja li juża din l-espressjoni.

26 Sentenza tal-14 ta' Mejju 2002, Hölterhoff (C-2/00, EU:C:2002:287, punt 16). Kienet tikkonċerna negozjati kummerċjali fejn Michael Hölterhoff ippropna lil klijent il-bejgħ ta' ħaġar semiprezzjuż u ornamentali, li l-ħidma tagħhom semmieha bħala "Spirit Sun" u "Context Cut", trade marks irreġistrati f'isem kompetitur.

27 Sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Adam Opel (C-48/05, EU:C:2007:55, punt 24) u konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer f'din il-kawża (EU:C:2006:154, punti 35 *et seq*). Hawn sar riferiment għall-użu tal-logo tat-trade mark Opel fil-kabina tal-mudelli fuq skala mċekkna ta' karozzi, mibjugħa minn AUTEC, kumpannija mhux marbuta ma' Opel.

28 Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

29 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2014, Public Relations Consultants Association (C-360/13, EU:C:2014:1195, punti 26 u 27).

30 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punti 170 sa 172).

31 Kawża tas-17 ta' Jannar 2012, Infopaq International (C-302/10, EU:C:2012:16, punti 44 u 45).

60. Dan l-approċċ huwa, barra minn hekk, jikkonforma mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont liema l-isfruttar tar-reputazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika jsir "b'mod ħażin"[32]. Għalkemm dawn id-dikjarazzjonijiet saru fir-rigward tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 110/2008 (dwar indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xarbiet spiritużi), ix-xebh bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 118m(2)(a) tar-Regolament Nru 1234/2007 jappoġġja t-trasferiment ta' tali interpretazzjoni għall-ambitu tal-inbid[33]. Għaldaqstant, peress li hemm interess leġittimu, l-użu tad-DOP ma għandux jitqies bħala *ħażin*.

61. Lura għall-każ tagħna, u peress li Galana NV ma ppreżentat ebda dritt preċedenti, għandu jiġi vverifikat jekk l-użu tad-DOP Champagne fl-isem tas-sorbet jikkonformax ma' xi rekwiżit legali jew jistax jiġi kklassifikat bħala innokwu.

## *2. Fuq l-interess leġittimu fl-użu tad-DOP*

62. Kif spjegajt, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar ir-rilevanza taż-żewġ elementi speċifiċi, li jistgħu jwasslu għal interessi leġittimi rispettivi: a) l-isem tal-prodott jikkonforma mal-użanzi tal-pubbliku kkonċernat; u b) is-sorbet jinkludi kwantità suffiċjenti ta' xampanja, li tagħtih karatteristika essenzjali.

63. Għalhekk, iż-żewġ elementi għandhom jiġu analizzati separatament, minkejja li, fil-fehma tiegħi, jista' jkun li ma humiex l-uniċi elementi rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx xi vantaġġ mhux dovut tad-DOP.

### *a) L-isem tal-prodott li fih id-DOP u l-użanzi tal-pubbliku*

64. Il-partijiet kollha, ħlief il-Kummissjoni, jaqblu li l-użanzi tal-konsumaturi Ġermaniżi ma jiġġustifikawx li d-DOP Champagne tintuża fil-preżentazzjoni kummerċjali tas-sorbet. Li wieħed jammetti l-oppost ifisser li dik id-DOP issir terminu ġeneriku, b'użu miftuħ għal kwalunkwe operatur ekonomiku.

65. Jiena għandi l-istess opinjoni, peress li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-protezzjoni tad-DOP għall-inbejjed huwa li jipprevjeni li dawn isiru ġeneriċi[34]. L-użu indiskriminat tad-DOP fi prodotti li ma għandhomx x'jaqsmu magħha, jista' twassal lill-pubbliku sabiex jaħseb li l-ismijiet bil-karatteristiċi tad-DOP jistgħu jiġu estiżi għal dawk prodotti barra mit-territorju tad-DOP. Għalhekk, id-DOP tintuża bħala sempliċi aċċenn ġeneriku, anki jekk dan il-kunċett ikun limitat għal pajjiż partikolari. Ma għandniex ninsew li l-protezzjoni tad-DOP għandha tkun l-istess fl-Istati Membri kollha, mingħajr frammentazzjonijiet idderivati mill-użanzi tal-konsumaturi fi wħud minnhom[35].

32 Sentenzi tal-14 ta' Lulju 2011, Bureau National Interprofessionnel du Cognac (C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484, punt 46); u tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 45).

33 F'dan ir-rigward, il-premessa numru tnejn u tletin tar-Regolament Nru 479/2008, li introduċiet il-kliem attwali tal-Artikolu 118m diskuss hawn fl-Artikolu 45 tagħha, tibda billi tgħid li "[i]d-denominazzjoni ta' oriġini […] għandhom igawdu mill-protezzjoni kontra użi li jisfruttaw *b'mod mhux xieraq* ir-reputazzjoni li ħaqqhom il-prodotti konformi" (enfasi miżjuda).

34 Nirreferi għall-punti 87 sa 89 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto IP (C-56/16 P, EU:C:2017:394).

35 Fis-seduta sar riferiment għall-mod li bih għandhom jiġu mibdula d-drawwiet stabbiliti f'ċerti Stati Membri, li sa issa użaw bħala ismijiet ġeneriċi dawk li, mill-adozzjoni tar-regoli tal-Unjoni, iktar tard ikunu DOP tal-inbid (fil-każ tax-xampanja huwa paradigmatiku). Għalhekk dan jiġri wkoll fil-protezzjoni extrakomunitarja tad-DOP Ewropej, permezz tat-trattati bilaterali jew multilaterali.

66. Mill-perspettiva leġiżlattiva, id-DOP tal-inbid, wara li jiġu rreġistrati, igawdu minn protezzjoni perpetwa, taħt l-Artikolu 118m(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, għalkemm jistgħu jiġu kkanċellati. Il-protezzjoni tagħhom tkun ipperikolata, anki fil-pajjiżi terzi[36] jekk, minħabba element ġeneriku, l-ismijiet tad-DOP isiru, fir-realtà, dominju pubbliku, peress li d-denominazzjonijiet li jkollhom natura ġenerika ma jistgħux jiġu rreġistrati[37]. Il-prevenzjoni tal-użi li għandhom tendenza li jiġġeneralizzaw l-ismijiet għalhekk issir importanti ħafna u mhux sempliċi aspirazzjoni tal-produtturi tal-inbejjed protetti minn DOP.

67. Li l-espressjoni "Champagner sorbet" hija dik li tintuża komunement għal sorbet, fi Stat Membru wieħed jew iktar minn wieħed, ma huwiex biżżejjed, sabiex, għalhekk, jagħti lid-distributur *interess leġittimu* li jawtorizzah jinkludi fil-preżentazzjoni kummerċjali ta' dak il-prodott l-isem tad-DOP Champagne.

***b)*** *L-għoti tal-karatteristika essenzjali tal-ingredjent b'DOP permezz tal-użu ta' kwantità suffiċjenti*

68. Naqbel mal-Kummissjoni li, f'dan il-każ, għandha tiġi interpretata r-regola ġenerali tal-Unjoni dwar it-tikkettjar tal-prodotti tal-ikel (li prinċipalment tinstab fid-Direttiva 2000/13 u fir-regola ta' deroga tagħha, ir-Regolament Nru 1169/2011), peress li s-sorbet —li, ovvjament, huwa wieħed minn dawk il-prodotti— ma huwiex kopert minn DOP[38].

69. Skont id-Direttiva 2000/13, l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel għandu jkun fih "l-isem li taħtu jiġi mibjugħ il-prodott, il-lista ta' ingredjenti u l-kwantità ta' ċerti ingredjenti [...]"[39]. "L-isem li taħtu jinbiegħ prodott"[40] tfisser dak ipprovdut fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Unjoni jew, fin-nuqqas ta' dawn, dawk nazzjonali. Fin-nuqqas ta' dan, għandu jipprevali "l-isem [tas-]soltu fl-Istat Membru ta' fejn jinbiegħ lill-konsumatur".

70. Inizjalment, "Champagner sorbet" jidher li jirrispetta r-regoli dwar l-ittikkettjar, li jagħti lil Galana NV interess leġittimu sabiex tidentifika l-prodott tal-ikel tagħha b'dan il-mod. Madankollu, skont l-Artikolu 13(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1151/2012, id-DOP irreġistrati huma protetti wkoll meta jintużaw bħala ingredjenti. Għandu jiġi eżaminat, għalhekk, sa fejn tasal din il-protezzjoni.

71. Skont l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 2000/13[41], il-produttur huwa obbligat li jinkludi fl-ittikkettjar lista bl-ingredjenti kollha tiegħu. Meta l-ingredjent jidher fl-"isem li taħtu jinbiegħ il-prodott" tal-ikel (bħal f'dan il-każ) għandu jiġi espress bħala perċentwali, kif speċifikat fl-Artikolu 7(4) ta' dik id-direttiva[42].

36 Għalkemm l-Artikolu 12 tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona fuq id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (adottati fl-20 ta' Mejju 2015) jipprovdi wkoll għall-protezzjoni perpetwa, dan it-trattat għadu ma daħalx fis-seħħ.

37 Kif stabbilit fl-Artikolu 118k(1) tar-Regolament Nru 1234/2007, li wara ġie inkorporat fl-Artikolu 101(1) tar-Regolament Nru 1308/2013.

38 Għall-kuntrarju, l-ittikkettjar tal-prodotti tal-inbid huwa suġġett għar-Regolament Nru 1308/2013, l-Artikoli 117 sa 123, u dak tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xarbiet spiritużi, għar-Regolament Nru 110/2008. It-tnejn jaġixxu bħala *lex specialis* fir-rigward tal-prodotti tal-ikel ġenerali.

39 Artikolu 3(1)(1), (2) u (3). Id-dispożizzjoni ekwivalenti fir-Regolament Nru 1169/2011, fis-seħħ mit-13 ta' Diċembru 2014, hija l-Artikolu 9(1)(a), (b) u (d).

40 L-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2000/13, ekwivalenti għall-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1169/2011.

41 L-ekwivalenti sussegwenti tiegħu huwa l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1169/2011. Id-Direttiva 2000/13 tapplika, dwar dan il-punt, għas-settur tal-inbid, kif imfakkar mill-Artikolu 118 tar-Regolament Nru 1308/2013.

42 Il-leġiżlatur ta d-diskrezzjoni lill-produttur tal-ikel sabiex jiddeċiedi li jagħżel il-post fejn jitqiegħed l-ammont perċentwali tal-ingredjent: a) fid-deskrizzjoni tal-bejgħ; b) mal-isem; jew c) fil-lista tal-ingredjenti. F'dan il-każ, il-lista tinsab fil-qiegħ tal-kontenitur.

72. La d-Direttiva 2000/13 u lanqas ir-Regolament Nru 1169/2011 ma jirreferu direttament għall-ingredjenti koperti minn DOP. Sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni u tgħin sabiex tiċċaraha, fl-2010 il-Kummissjoni ppubblikat il-Linji Gwida (li hemm riferiment għalihom fil-premessa 32 tar-Regolament Nru 1151/2012). Għalkemm ma għandhomx forza legali vinkolanti[43], dawn għandhom jiġu kkunsidrati, peress li huma jirriflettu l-perspettiva ta' dik l-istituzzjoni.

73. Skont il-Linji Gwida, minbarra l-lista msemmija ta' ingredjenti, l-isem distintiv tad-DOP jista' jidher "bħala parti minn jew qrib l-isem kummerċjali ta' oġġett tal-ikel li jinkludi prodotti li jibbenefikaw minn denominazzjoni rreġistrata, kif ukoll fit-tikkettar, il-preżentazzjoni u l-pubbliċità ta' dan l-oġġett tal-ikel", sakemm dan jissodisfa l-kundizzjonijiet traskritti fil-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet huma ssodisfatti.

74. Huma l-qrati nazzjonali, li qegħdin f'pożizzjoni aħjar sabiex jevalwaw il-fatti tal-każ u jipproċedu għall-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom, dawk li għandhom jieħdu deċiżjoni dwar il-preżenza ta' dawn it-tliet kundizzjonijiet fil-każ preżenti. Jien se nillimita ruħi, għaldaqstant, sabiex noffri xi ħsibijiet li jistgħu jgħinuhom f'dan il-kompitu.

75. L-ewwel kundizzjoni (li ma jkunux jeżistu "ingredjenti komparabbli" oħrajn koperti minn DOP) hija faċli biex tiġi evalwata u oġġettiva biżżejjed. Xejn ma jidher li jindika li "Champagner sorbet" fih ingredjenti simili oħra għall-inbid frizzanti protett mid-DOP, li jistgħu jissostitwixxu dan tal-aħħar.

76. It-tieni kundizzjoni (li l-ingredjent għandu jintuża fi kwantità suffiċjenti sabiex jagħti karatteristika essenzjali lill-prodott tal-ikel) hija iktar kumplessa. Kuntrarjament għall-opinjoni taċ-CIVC, dan ma jinvolvix li fil-prodott tal-ikel jinsabu l-karatteristiċi essenzjali tal-ingredjent protett, iżda li l-prodott tal-ikel ikollu karatteristika essenzjali marbuta mad-DOP[44].

77. Lanqas din ir-regola ma hija sikura biżżejjed. Il-fattur kwantitattiv mhux dejjem se jkun l-iktar wieħed rilevanti sabiex tingħata karatteristika essenzjali lill-prodott tal-ikel[45]. Normalment, din tal-aħħar, tingħata, fil-każ tal-ikel, mir-riħa u t-togħma li jagħtih l-ingredjent protett mid-DOP, iżda jista' jkun hemm fatturi sinjifikanti oħra[46]. Għal darb'oħra, hija l-qorti nazzjonali, fuq il-bażi tal-provi mogħtija[47] u l-valutazzjoni tagħha tal-fatti, li għandha tiddetermina jekk iż-żieda ta' nbid ta' Champagne tagħtix lis-sorbet karatteristika essenzjali, fis-sens li għadni kif iddeskrivejt.

78. It-tielet kundizzjoni hija iktar problematika sabiex tiġi interpretata. Qabel xejn, huwa dibattibbli jekk tikkonformax mal-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 2000/13[48]. Fi kwalunkwe każ, it-test tagħha, peress li juża l-avverbju "idealment", juri li din ma għandhiex saħħa, anki bħala gwida. L-ispeċifikazzjoni tal-perċentwali tal-ingredjent fil-prodott tal-ikel, konsegwentement, issir fattur li l-importanza tiegħu għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-Direttiva 2000/13.

43 Fihom huwa ddikjarat li l-applikazzjoni tagħhom hija volontarja u li "ma għandhomx jitqiesu bħala interpretazzjoni legalment ristrettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-DPO u l-IĠP jew id-Direttiva dwar it-Tikkettar".

44 B'mod korrett, il-Kummissjoni naqset milli tissuġġerixxi perċentwali fil-Linji Gwida li jintuża b'mod uniformi. Hija tissuġġerixxi regola li permezz tagħha ammont ikbar ta' ingredjent b'DOP, jista' jagħti karatteristika essenzjali lill-prodott.

45 Hemm, pereżempju, prodotti protetti minn DOP, bħal ċerti varjetajiet ta' 'truffle', li meta jkunu inkorporati fl-ikel fi kwantitajiet żgħar, huma rikonoxxibbli immedjatament minħabba r-riħa u jħallu marka li ma titneħħiex fuq il-palat.

46 L-aċċenn għall-ingredjent fit-tikketta tal-prodott tal-ikel, fid-"denominazzjoni tal-bejgħ" tagħha jew maġenbha, għalhekk, tkun possibbli, jekk il-prodott ikollu r-riħa u/jew it-togħma tal-ingredjent protett mid-DOP. Madankollu, ma għandhomx jiġu esklużi, fatturi oħra bħat-tessut jew il-kulur, li ma naħsibx li huma tant deċiżivi fil-qasam tal-ikel daqs dawk it-tnejn li semmejt hawn fuq.

47 F'dawn it-tipi ta' kawżi jistgħu jkunu utli provi esperti, mogħtija minn gastronomi professjonali, li jispjegaw il-kwalitajiet ta' sorbet tax-xampanja, jew rapporti mogħtija permezz ta' stħarriġ tal-konsumaturi sabiex jiġi vverifikat li t-togħma ta' dan l-inbid frizzanti hija integrata fis-sorbet stess. Il-ġurisprudenza tal-Istati Membri hija rikka ħafna f'dan is-sens: ara, preċiżament fir-rigward tax-xampanja, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2013, tal-Cour d'appel (qorti tal-appell) ta' Pariġi, fil-kawża SAS Euralis Gastronomie vs CIVC, ikkonfermata mill-Cour de cassation (qorti suprema, Franza), fil-25 ta' Novembru 2013.

48 Dan l-artikolu jipprovdi lill-produttur li juża ingredjent b'DOP tliet possibbiltajiet sabiex jindika, f'perċentwali, l-ammont ta' dak l-ingredjent fl-ikel tiegħu (ara l-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet). Il-Linji Gwida, madankollu, jidhru li jwarrbu l-possibbiltà li jintwera n-numru tal-perċentwali għall-każijiet fejn l-ingredjent ma jissemmiex fid-denominazzjoni tal-bejgħ jew maġenbha (hekk nifhem li tfisser "jew inkella"). Il-produttur huwa marbut mad-Direttiva 2000/13, u mhux mal-Linji Gwida, u għalhekk l-għażliet offruti minnha huma intatti.

79. Fuq dawn il-premessi, nirrepeti, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeċiedu jekk l-ingredjent bid-DOP li jiżdied ma' prodott tal-ikel jagħtihx karatteristika essenzjali, b'tali mod li għandu jidher fuq it-tikketta tiegħu.

*c) Il-preżenza ta' elementi oħrajn li jgħinu sabiex tiġi sfruttata r-reputazzjoni tad-DOP*

80. Ir-risposta lill-qorti tar-rinviju ma tkunx kompluta jekk tieqaf fuq is-sempliċi preżenza ta' interess leġittimu tad-distributur, idderivata mill-osservanza tiegħu tal-Linji Gwida, li jawtorizzah jinkorpora ingredjenti protetti mid-DOP fit-tikketta tal-prodotti tal-ikel tiegħu.

81. It-tliet kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida ma humiex diviżibbli minn xi kunċetti preliminari (dak tal-*bona fide* u n-nuqqas ta' diżgwid tal-konsumatur) msemmija fil-punt 1.1 fejn jiġi pprovdut il-kuntest tagħhom.

82. Jekk jiġi deċiż li hemm użu ħażin (sfruttament illegali tar-reputazzjoni) tad-DOP, ċertament wieħed għandu jibda mill-preżenza ta' kwantità suffiċjenti ta' ingredjent protett minn din id-DOP, li jagħti lill-prodott tal-ikel karatteristika essenzjali. Iżda dan il-fatt ma jilleġittimizzax l-użu tad-DOP fis-sorbet ikkontestat, jekk ikun hemm elementi oħrajn (b'mod partikolari, fil-preżentazzjoni tat-tikketta) li juru tendenza ta' użu tal-prestiġju tad-DOP, permezz tal-isfruttament tar-reputazzjoni tagħha.

83. F'dan il-każ, it-tikketta viżibbli għall-konsumatur li hija pprovduta fuq il-imballaġġ ta' "Champagner sorbet" tinkludi stampa, fuq quddiem, ta' sufra b'wajer li jinqabad ma' flixkun, tazza nofsha mimlija u xarba li huwa preżunt li hija xampanja. Fl-isfond, għalkemm rikonoxxibbli sew, hemm flixkun ta' inbid frizzanti Franċiż.

84. Ma naħsibx li l-importanza ta' dawn l-elementi tista' tiġi injorata meta jiġi evalwat jekk il-produttur jew id-distributur tal-prodott tal-ikel jisfruttax ir-reputazzjoni tal-ingredjent protett mid-DOP Champagne[49]. Il-qorti nazzjonali tista', u għandha, tieħu dawk il-fatturi inkunsiderazzjoni sabiex tieħu deċiżjoni dwar l-użu ħażin tad-DOP.

85. Ir-Regolament Nru 1308/2013 u d-Direttiva 2000/13[50] jippruvaw jevitaw li l-konsumatur jiġi żgwidat, u l-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet li l-lista tal-ingredjenti fuq il-pakkett ma hijiex biżżejjed, minnha nnifisha, sabiex jiġi eskluż li t-ttikkettjar u l-modi ta' kif dan isir jiġbdu l-attenzjoni b'mod ħażin tax-xerrej[51].

86. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, sabiex tiġi evalwata l-kapaċità ta' ttikkettjar li jiżgwida lil xerrej, il-qorti nazzjonali għandha tara essenzjalment l-impressjoni li jieħu l-konsumatur preżumibbilment, fid-dawl ta' dak l-ittikkettjar, dwar l-oriġini, il-provenjenza u l-kwalità tal-prodott tal-ikel, b'kunsiderazzjoni li huwa essenzjali li l-konsumatur ma jiġix żgwidat u li ma jkunx imwassal biex jaħseb li l-prodott għandu oriġini, provenjenza jew kwalitajiet differenti minn dawk li għandu fir-realtà[52].

87. Il-qorti kompetenti għandha tqis jekk l-użu ta' dawn l-elementi grafiċi fuq it-tikketta ta' "Champagner Sorbet" huwiex iġġustifikat bħala sinjal tar-rieda li tiġi stabbilita konnessjoni sproporzjonata mal-inbid frizzanti protett mid-DOP. Fi kliem ieħor, hija għandha tirrispondi għall-kwistjoni dwar jekk l-għan sottostanti fil-preżentazzjoni kummerċjali tal-prodott tal-ikel huwiex, verament, li dan jintrabat mar-reputazzjoni tal-inbid frizzanti ta' Champagne, li l-kwalità tiegħu hija maħsuba li tiġi estiża għas-sorbet stess.

49 Matul is-seduta, il-partijiet ammettew li l-kawża prinċipali ma kinitx kostretta għall-użu tad-DOP fl-isem tas-sorbet.

50 L-Artikolu 2(1)(a)(i).

51 Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Teekanne (C-195/14, EU:C:2015:361, punt 38).

52 *Ibidem*, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

### *C. Fuq it-tielet domanda*

88. Ir-risposta għat-tielet u r-raba' domanda tista' tkun superfluwa jekk, mir-risposta għat-tieni waħda, il-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali) tqis li kien sar użu ħażin tad-DOP Champagne. Fi kwalunkwe każ, jiena se niffoka fuq l-analiżi tat-tnejn li huma.

89. Permezz tat-tielet domanda jiġi mistoqsi, fil-qosor, jekk l-użu tal-isem tipiku ta' DOP fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ jużurpax, jimitax jew jevokax id-DOP stess.

90. L-ittra (b) tal-Artikolu 118m(2) tar-Regolament Nru 1234/2007 tiċċita għadd ta' tipi ta' aġir, deskritt min-nuqqas ta' lealtà kummerċjali tagħhom, li jinvolvu tnaqqis gradwali fl-użu tad-DOP, mill-użurpazzjoni għall-imitazzjoni sal-evokazzjoni.

91. L-*użurpazzjoni* tindika l-użu tal-isem sħiħ tad-DOP għal prodotti simili. Ma naħsibx li dan huwa l-każ hawnhekk, peress li s-sorbet jinbiegħ iffriżat, li huwa inkonċepibbli għall-inbid[53]. Lanqas ma nemmen, personalment, li huwa każ ta' *imitazzjoni*, minħabba li l-isem "Champagner sorbet" fih id-DOP b'mod sħiħ.

92. Huwa iktar kumpless li jiġi deċiż jekk nistgħux ngħidu li huwa każ ta' *evokazzjoni*, liema problema għandha tingħata soluzzjoni skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li diġà stabbiliet xi wħud mill-profili legali ta' dan it-tielet tip ta' att żleali[54].

93. Skont din il-ġurisprudenza, il-kunċett ta' "evokazzjoni" ikopri sitwazzjoni li fiha t-terminu sabiex jidentifika prodott jinkorpora *parti* minn DOP, b'tali mod li jwassal lill-konsumatur, meta jara l-isem tal-prodott, jaħseb, bħala immaġni ta' riferiment, fil-prodott li tibbenefika minnu din id-denominazzjoni[55].

94. Ir-riferiment għall-użu *parzjali* tad-DOP kien indott mill-fatti ta' kull wieħed mill-każijiet deċiżi mis-sentenzi rispettivi, li fihom l-evokazzjoni tad-DOP kienet dovuta għat-trikkib mhux totali tal-ismijiet jew tat-trade marks tal-prodotti inkwistjoni ("Gorgonzola/Cambozola"[56], "Parmigiano Reggiano/Parmesan"[57] u "Verlados/Calvados"[58]).

95. Fil-fatt, meta jiġi analizzat, fil-kuntest tar-Regolament Nru 110/2008, il-każ ta' trade mark li kien fiha kompletament l-element "Cognac", il-Qorti tal-Ġustizzja ppreferiet li tittrattah bħala każ ta' "evokazzjoni" pjuttost milli "użurpazzjoni", minkejja li kien jikkonċerna xarbiet spiritużi li ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP[59].

96. Il-prinċipji dedotti rigward id-DOP tax-xarbiet spiritużi jistgħu jiġu ttrasferiti, b'mod analogu, għall-evokazzjoni msemmija fl-Artikolu 118m(2)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007[60]. Il-premessi 92 u 97 tar-Regolament Nru 1308/2013 jispjegaw kif il-protezzjoni tad-DOP ma għandhiex tendenza biss li tevita l-prattiki qarrieqa u tiffavorixxi t-trasparenza tas-suq u l-kompetizzjoni ġusta, iżda wkoll li tikseb livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi.

53 Forsi, l-evalwazzjoni ta' kieku l-prodott kien imsemmi differenti, u jissuġġerixxi lill-konsumaturi li kienet xampanja ffriżata, adattat sabiex tintiehem bħal sorbet, kienet tkun differenti.

54 Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto IP (C-56/16 P, EU:C:2017:394, punti 94 *et seq*), jiena indirizzajt, ukoll, il-kunċett tal-evokazzjoni, applikat għall-użu tad-DOP Porto/Port mit-trade mark tal-Unjoni "Port Charlotte".

55 Sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 21 u ġurisprudenza ċċitata), fir-rigward tal-Artikolu 16(b) tar-Regolament Nru 110/2008.

56 Sentenza tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, EU:C:1999:115, punt 25).

57 Sentenza tas-26 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-132/05, EU:C:2008:117, punt 44).

58 Sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35).

59 Sentenza tal-14 ta' Lulju 2011, Bureau National Interprofessionnel du Cognac (C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484, punt 58).

60 *Ibidem*, punti 22 sa 27.

97. Bl-istess mod, għandhom jiġu meqjusa wkoll il-kriterji tal-ġurisprudenza li, sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' evokazzjoni, jużaw il-perċezzjoni ta' konsumatur medju Ewropew, infurmat tajjeb u raġonevolment attent u diliġenti, bħala manifestazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità [61].

98. Għal darb'oħra għandha tkun il-qorti tar-rinviju (jew, fejn xieraq, il-qrati inferjuri) li, fuq il-bażi ta' dik il-ġurisprudenza, għandha tiddeċiedi jekk f'dan il-każ hemmx evokazzjoni tad-DOP Champagne [62]. Sabiex tibbaża d-deċiżjoni tagħha tista' tuża mhux biss l-isem tas-sorbet, iżda wkoll l-elementi l-oħrajn li permezz tagħhom jiġi kkummerċjalizzat dan il-prodott tal-ikel, li diġà semmejt.

99. Mingħajr ma nixtieq ninvadi l-kompetenza tal-qorti tar-rinviju, u bil-kundizzjoni li hija biss għandha l-kapaċità li tevalwa l-fatti b'mod sħiħ, nemmen, madankollu, li l-preżenza ta' dawn l-elementi grafiċi fuq l-imballaġġ tal-prodott tikkontribwixxi sabiex twassal għal evokazzjoni tad-DOP Champagne. Permezz tal-użu tagħhom, minbarra l-isem "Champagner sorbet", il-manifattur u d-distributur jagħtu idea lill-konsumatur dwar il-kwalità u l-prestiġju assoċjat ma' din id-DOP, li jippruvaw jestrapolaw għas-sorbet.

### *D. Fuq ir-raba' domanda*

100. Il-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali) tistaqsi jekk l-Artikolu 118m(2)(c) tar-Regolament Nru 1234/2007 japplikax biss għal informazzjoni falza jew qarrieqa li tista' tagħti impressjoni żbaljata lill-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika ta' prodott.

101. Sabiex id-domanda tinftiehem aħjar għandu jsir riferiment għall-punti 62 *et seq* tad-digriet tar-rinviju. Minn dawn jirriżulta li d-dubju jirriżulta mill-argument taċ-CIVC, skont liema l-projbizzjoni ta' dawk l-indikazzjonijiet hija *ġenerali* u ma tkoprix biss dawk li joħolqu impressjoni żbaljata fil-pubbliku rigward il-post ta' oriġini ġeografika tal-prodott.

102. Il-qorti tar-rinviju tidher li tiffavorixxi l-iktar interpretazzjoni sempliċi ta' dik id-dispożizzjoni, jiġifieri, billi tkun limitata għal każijiet li fihom jiġi kkawżat diżgwid jew taħwid fil-pubbliku dwar l-oriġini tal-prodott permezz tal-użu tad-DOP.

103. Fil-fehma tiegħi, madankollu, il-protezzjoni li xtaq jagħti l-leġiżlatur tal-Unjoni lid-DOP hija wiesgħa u, lil hinn mill-konfużjoni dwar l-oriġini tal-prodotti, għandha l-għan ukoll li tevita r-riskju ta' ġeneralizzazzjoni, permezz tad-dilwizzjoni tad-DOP minħabba l-użu indiskriminat tagħhom.

104. L-Artikolu 118m(2) tar-Regolament Nru 1234/2007 jinkludi klassifikazzjoni ta' aġir inġust, li jiena semmejt preċedentement. Jekk l-ittra (a) tiegħu hija limitata għal atti ta' sfruttament tar-reputazzjoni tad-DOP u (b) għal dawk tal-użurpazzjoni, imitazzjoni jew evokazzjoni, l-ittra (c) testendi l-ambitu protett, billi tinkorpora l-"indikazzjonijiet" (jiġifieri, l-informazzjoni li tingħata lill-konsumatur) preżenti fuq il-kontenitur jew l-imballaġġ, jew fir-reklamar tal-prodott, li, għalkemm ma jevokawx id-DOP b'mod strett, iqarrqu jew jiżgwidaw lill-pubbliku rigward ir-rabta tal-prodott ma' din id-DOP.

105. Naħseb li r-raġunament wara din l-ittra (c) jibqa' japplika jekk l-informazzjoni kummerċjali tal-prodott tal-ikel *assoċjat* mad-DOP li tilħaq lill-konsumatur direttament tkun tali li twasslu sabiex jaħseb li dak il-prodott igawdi l-istess protezzjoni, u l-istess kwalità, bħad-DOP, meta fil-fatt ma jkunx. Indikazzjoni falza jew qarrieqa, naturalment, tista' tikkonċerna l-oriġini tal-prodott, iżda wkoll il-karatteristiċi essenzjali (pereżempju t-togħma) tiegħu.

61 Sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punti 26 sa 28).

62 Fil-punt 31 tas-sentenza Viiniverla, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa "jekk id-denominazzjoni 'Verlados' tikkostitwixxix 'evokazzjoni', fis-sens tal-Artikolu 16(b) tar-Regolament Nru 110/2008, tal-indikazzjoni ġeografika protetta 'Calvados'".

106. Għaldaqstant, il-protezzjoni mogħtija mill-artikolu msemmi fir-raba' domanda ma hijiex limitata għall-każijiet biss fejn il-konsumatur jiġi żgwidat rigward l-oriġini ġeografika ta' prodott.

## VI. Konklużjoni

107. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej b'risposta għad-domandi magħmula mill-Bundesgerichtshof (qorti suprema ċivili u kriminali, il-Ġermanja):

"1) L-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli, huwa applikabbli meta d-DOP Champagne tintuża, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, sabiex tidentifika prodott tal-ikel ikkummerċjalizzat bl-isem "Champagner sorbet".

2) L-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prodott tal-ikel "Champagner sorbet", li fih 12 % nbid ta' Champagne, jisfruttax b'mod ħażin ir-reputazzjoni tad-DOP Champagne, il-qorti tar-rinviju għandha teżamina jekk hemmx interess leġittimu li jiġġustifika l-użu, fil-preżentazzjoni kummerċjali tiegħu, ta' din id-DOP.

   Dawn huma elementi li jippermettu li jiġi evalwat jekk hemmx dan l-isfruttament indebitu li l-ingredjent protett mid-DOP Champagne u miżjud mal-prodott tal-ikel jagħtih karatteristika essenzjali, kif ukoll l-elementi tal-imballaġġ u ttikkettjar li jwasslu lill-konsumatur jorbot dan il-prodott mad-DOP Champagne.

3) L-Artikolu 118m(2)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prodott "Champagner Sorbet" jevokax, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, id-DOP Champagne, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk, minħabba d-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni kummerċjali tiegħu, il-konsumatur medju Ewropew, infurmat tajjeb u raġonevolment attent u diliġenti, ikunx imwassal sabiex jaħseb li dan il-prodott igawdi mill-kwalità u l-prestiġju inerenti fid-denominazzjoni protetta.

4) L-Artikolu 118m(2)(c) tar-Regolament Nru 1234/2007 ma japplikax biss għall-indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa li jistgħu jiġġeneraw fil-pubbliku kkonċernat impressjoni żbaljata dwar l-oriġini ġeografika ta' prodott."